MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2006

Numru. 620/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Antonello Grech**
**v**

**ANTHONY CASSAR bin Joseph u Ginezja nee' Dimech, imwieled fil-hdax ta' Frar, 1945 u residenti 93, Triq l-Isptar San Giljan, Fontana, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 15645G**

**Il-Qorti;**

Rat illi l-imputat **ANTHONY CASSAR** bin Joseph u Ginezja nee' Dimech, imwieled fil-hdax ta' Frar, 1945 u residenti 93, Triq l-Isptar San Giljan, Fontana, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 15645G gie mressaq quddiemha u akkuzat talli fis-sebgha (7) ta' Settembru,

2005 ghal habta ta-sebgha neqsin kwart ta' fil-ghaxija (6:45pm) waqt li kien fl-ghalqa tieghu f'Ta' Wied Siekel fi Triq is-Sajjieda, Fontana waqqa jew ipprova jwaqqa, qata' jew ipprova jaqta, nehha jew ipprova jnehhi l-qoxra tas-sigra jew partijiet taghha, nehha jew ipprova jnehhi l-weraq tas-sigra, nehha jew ipprova jnehhi l-injam, wahhal xi haga ma', jew bi kwalunkwe mod qered jew ipprova jeqred, ghamel jew ipprova jaghmel hsara lil xi sigra jew partijiet taghha li hija elenkata fl-iskedi II Regolament Numru 6 tal-Avviz Legali 12 tas-sena 2001.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni u cioe lil PS 369 Joseph Mizzi, Stanley Gatt, PC 330 Emanuel Sciberras, Eman Calleja u lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju.

Rat d-dokumenti kollha esibit inkluz ir-ritratti.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotti l-akkuza tirrizulta ppruvata fl-intier taghha b'mod sodisfacenti.

Ghalhekk wara li **l-Qorti** rat l-artikoli tal-ligi partikolarment r-Regolament Numru 6 tal-Avviz Legali 12 tas-sena 2001, **tiddikjara li ssib lil imputat ANTHONY CASSAR hati tal-akkuza kif addebita fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' mitejn hamsa w ghoxrin lira maltin [LM225].**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------